1. Laqgħat l-ewwel talba tal-kontro-talba tal-konvenut biss fis-sens li ddikjarat is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba li prinċiparjament il-konvenut kien responsabbli u ħati verso l-attriċi ta' eċċessi, sevizzi, u inġurji gravi …….Omissis……

2. Laqgħet it-tieni talba tal-kontro-talba u ordnat iċ-ċessjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett mid-data tad-deċiżjoni u ordnat il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet bil-mod indikat fid-deċiżjoni …..Omissis…

3. Ċaħdet it-tielet talba stante li fiċ-ċirkostanzi hija infondata fil-fatt u fid-dritt u minflok tordna li dik li kienet id-dar konjugali u cioè l-fond 'Mater Dei' Triq il-Ħemel, is-Swieqi, għandha tinbiegħ b'subbasta u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet;

4. Laqgħet ir-raba' talba fis-sens li ż-żewġ tal-partijiet iddekadew mid-dritt li jitolbu manteniment mingħand xulxin, u fil-fatt ġew applikati kontra kull parti d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 48 tal-Kap. 16.

Illi l-esponent iħossu aggravat bis-sentenza u għalhekk qiegħed jinterponi appell mill-istess.

Aggravji.

1. Illi l-ewwel Qorti ddikjarat li l-esponent kien prinċipalment jaħti għas-separazzjoni personali minħabba li kien ħati ta' eċċessi, theddid u inġurji gravi.

2. Illi l-Ewwel Qorti qalet li mill-provi kkonkludiet li l-esponent kien:

a) jgħir ħafna għall-appellata.
b) Il-karattru tiegħu rrenda l-ħajja taż-żwieġ diffiċli …….Omissis……

Huwa minnu li dan huwa apprezzament tal-provi u li Qorti ta' reviżjoni kemm jista' jkun għandha tevita li tiddisturba l-apprezzament li jkun sar mill-ewwel Qorti.

…….Omissis……

Ġelożija.

Fir-rigward tal-ġelożija eċċessiva l-ewwel Qorti qalet li 'dan ġie kkonfermat mid-diversi xhieda prodotti minnha

existing between the parties with effect from the date of the judgement ……..Omissis……

5. Authorised the plaintiff so that according to law she reverts to her maiden surname, Bonello. ..Omissis……

1. Upheld the first demand of the counter-claim of the defendant only in the sense that she declared the personal separation between the parties due to principally that the defendant was responsible and guilty towards the plaintiff of excesses, threats, and grievous insults …….Omissis……

2. Upheld the second demand of the counter- claim and ordered the termination of the community of acquests with effect from the date of the decision and ordered the liquidation and assignment of the community of acquests between the parties in the manner indicated in the decision …Omissis…

3. Rejected the third demand since in the circumstances it is unfounded in fact and at law and instead order that what had been the matrimonial home and that is the premises 'Mater Dei' Ħemel Street, Swieqi is to be sold by licitation and the income divided equally between the parties;

4. Upheld the fourth demand in the sense that the two parties forfeited the right to the reciprocal eight of maintenance and in fact there were applied against each party the provisions of article 48 of Chapter 16.

That the applicant felt aggrieved by the judgement and in filing an appeal there from .

Grievances.

1. That the Court of First Instance declared that the applicant was principally guilty for the personal separation because he was guilty of excesses, threats and grievous insults.

2. That the Court of First Instance, stated, that from the proof it concluded that the applicant was;

a) very jealous of the applicant.
b) his character rendered married life difficult. …….Omissis……

It is the case that the appreciation of proof and that a Court of Revision should as much as possible avoid disturbing the evaluation made by the Court of First Instance.

……Omissis……

Jealousy.

As regards the excessive jealousy, the Court of First Instance stated that this was confirmed by the various

fosthom ħutha u bint il-partijiet'

……Omissis……

Illi tant dak li allegat l-appellata mhuwiex minnu li:

a) Wara li telqet mid-dar kienet marret lura d-dar għal xi perjodu sakemm irriżulta li kienet għadha f'kuntatt mal-ħabib. Mhuwiex verosimili li min ikun qiegħed jgħix fiċ-ċirkostanzi li ddeskriviet l-appellata fl-affidavit li għamlet, imur lura jgħix taħt l-istess saqaf mar-raġel.

b) Min jaf lill-kontendenti kien baqa' skantat meta sar jaf li nqala' l-inkwiet fiż-żwieġ

……..Omissis……

ċ) Il-kwantità kbira ta' kartolini li matul 22 sena ta' żwieġ l-appellata baghtet lill-esponent u li kollha jikkonfermaw x'tip ta' raġel kien l-esponent ……..Omissis……

d) Iben il-kontendenti xehed in kontro -eżami li wara li l-appellata telqet mid-dar kien kellimha 'biex nara eżattament għalfejn telqet ngħid li iva ġieli kellimtha kienet tgħidli għax missierek nervuż u ma tistax tkellmu, imkien ma tissemma din l-allegata għira.

e) Fl-ebda stadju tal-kontro-eżami li sar lill-appellata ma semmiet din l-allegata għira min-naħa ta' l-esponent

……Omissis……

f) L-ewwel Qorti mingħajr ebda raguni skartat għal kollox ix-xhieda li ngħatat mill-ġenituri ta' l-esponenti (Anthony Borg – fol.331 u Mary Borg fol 336) oht l-esponent (Elizabeth Sultana fol 333) u taz-zijiet tiegħu (Vincent fol 341 Josephine - fol 339 konjugi Borg). Dawn ix-xhieda li lanqas sarilhom kontro-eżami kkonfermaw li matul dawn is-snin kollha ta' żwieġ l-appellata qatt ma lmentat dwar:

– sikkatura u kienet toħroġ waħedha;
– theddid;
– vjolenza.

……Omissis……

Minn naħa l-oħra l-Qorti għażlet li toqgħod fuq xhieda mogħtija minn familjari ta' l-appellata bħala dik ta' Martin Bonello (ħu l-appellata).
mill-kontro-eżami jirriżulta kif:

……Omissis……

Dawn huma ċirkostanzi li jxejnu l-kredibilità ta' dan ix-

witnesses brought forward by her amongst which her sisters and the daughter of the parties'.

……..Omissis……

What was alleged by the respondent is not true so much that;

a) After she left home she had gone back home for some time till it resulted that she was still in contact with the friend. It is not likely that who is living in the circumstances described by the respondent in the affidavit she made, goes back to live under the same roof with the husband.

b) Those who knew the parties remained amazed when they knew that trouble in marriage had cropped up

……Omissis……

c) The large quantity of postcards that during the 22 years of marriage the respondent sent to the appellant and which all confirm what type of husband the appellant was …….Omissis……

d) The son of the parties gave evidence in cross-examination that after the respondent left home he had spoken to her ' to see exactly why she left I say, yes. I had sometimes spoken to her she told me your father is nervous and you cannot speak to him. Nowhere is this alleged jealousy, mentioned.

e) At no stage of the cross-examination which was made did the respondent mention this alleged jealousy on the part of the applicant
……Omissis……

f) The Court of First Instance without any reason avoided completely the evidence given by applicants ( Anthony Borg –fol 331 and Mary Borg fol 336) sister of the applicant ( Elizabeth Sultana fol 333) and of his aunts ( Vincent fol 341, Josephine –fol 339 spouses Borg). These witnesses who were not even cross-examined confirmed that during all these years of marriage the respondent never complained about;

– discipline and she used to go out alone.
– threats;
– violence.

……Omissis……

On the other part the Court chose to rely on the evidence given by the members of the family of the respondent like that of Martin Bonello ( the brother of the respondent), from the cross examination it results how;

……Omissis……

These are circumstances which destroy the credibility of

xhud u li l-Qorti tatha importanza biex waslet għad-deċiżjoni tagħha.

……Omissis……

Għar-rigward ix-xhieda li ngħatat minn bint il-kontendenti din ovvjament illum għandha l-artrit kontra l-esponent u mill-provi rriżulta li l-anqas biss tkellmu. Ix-xhieda moghtija minn ħuh tgiddeb għal kollox il-verżjoni mogħtija minn ..Omossis.. u jidher biċ-ċar f'din il-kwistjoni għażlet li tiġbed il-ħabel ta' ommha.

…….Omissis……

Karattru ta' l-esponent.

A fol.27 tas-sentenza l-Ewwel Qorti qalet li 'irriżulta ppruvat ukoll li l-konvenut huwa bniedem nervuż u jitlagħlu malajr u ma kien jaħsibha xejn li jikser lil martu u lil uliedu fil-preżenza ta' terzi persuni'. L-Ewwel Qorti għamlet ukoll riferenza għall-episodji ta' vjolenza domestika mingħajr ma qalet x'inhuma dawn l-espisodji……

……Omissis……

Mix-xhieda li ngħatat minn Etienne Borg fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2003, jirriżulta wkoll li l-esponent kien bħala missier jikkoreġi lil uliedu u mhux kif qalet l-ewwel Qorti jiksirhom quddiem terzi persuni……
……..Omissis……

Huwa konvenjenti ħafna għall-appellat li tipprova tpinġi l-esponent bħala karattru ħażin. Il-provi juru mod ieħor ……..Omissis……

Wieħed ma jridx jinsa ukoll kif in kontro-eżami l-appellata kkonfermat li f'dawk il-kartolini kienet tikteb il-verità. Provi li kollha jirribattu l-asserzjoni li għamlet l-ewwel Qorti li l-esponent kien ' jikkontrolla lill-attriċi f'kollox' u li b'xi mod tellfilha l-libertà u l-personalità tagħha.

……..Omissis……

Adulterju.

Illi dwar il-kwistjoni ta' adulterju hawnhekk ukoll l-esponent ma jaqbilx ma' l-ewwel Qorti. L-esponent jikkontesta l-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel Qorti li r-relazzjoni adultera seħħet wara li ż-żwieġ bejn il-kontendenti kien diġà tfarrak irrimedjabilment. Ix-xhieda li ngħatat minn Maria Lourdes Bitar Rosso hija elokwenti u tikkonferma li r-relazzjoni bejn l-appellata u dan Khaled Bitar kienet ilha għaddejja s-snin. Madankollu fis-sentenza ma nsibu l-ebda riferenza għal din id-depożizzjoni. Hekk ukoll iben il-kontendenti, xehed kif meta ommu kienet għadha tgħix id-dar kien hemm okkażjoni meta mar lura d-

this witness and to which the Court gave importance in order to arrive at its decision.

……Omissis……

As regards the evidence given by the daughter of the parties, today she is obviously against the applicant and from the proof it results that she does not even speak to him. The evidence given by his brother completely contradicts the version given by ..Omossis.. and it appears clearly in this dispute that she chose to side with her mother.

……Omissis……

Character of the applicant.

A. fol.27 of the Judgement of the Honourable Court of First Instance it stated that ' it resulted that it proved also that the defendant is a nervous person and is short tempered and did not think twice to shout at his wife and children in the presence of third parties'. The Court of First Instance also made reference to espisodes of domestic violence without stating what were these episodes.

……Omissis……

From the evidence given by Etienne Borg during the sitting of the 23 January 2003, it results also that the applicant as a father use to correct his children and not as stated by the Court of First Instance, did he shout at them before third parties…
……..Omissis……

It is very convenient for the respondent to try and portray the applicant as a bad character. The proof shows otherwise ……Omissis……

One must not forget also how in cross-examination the respondent confirmed that in those postcards she used to writ the truth. Proofs which all rebut the assertion made by the Court of First Instance that the applicant ' controlled the plaintiff in everything' and that he deprived her of her liberty and her personality.

……Omissis……

Adultery.

That as regards the question of adultery here also the applicant does not agree with the Court of First Instance. The applicant contested the conclusion arrived at by the Court of First Instance that the adulterous relationship took place after that the marriage between the parties had already irretrievably broke down. The evidence given by Maria Lourdes Bitar Rosso, is eloquent and confirms that the relationship between the respondent and the said Khaled Bitar had gone on for years. However in the judgement no reference is found to this deposition. Even the son of the parties testified how when his mother was still living at home there was an occasion when he went back home and

dar u sab lil Khaled Bitar ħiereġ mid-dar matrimonjali.

……Omissis……

A fol. 28 tas-sentenza jingħad , 'din il-Qort thoss li għalkemm l-attriċi saret taf lil ċertu Khaled Al Bitar fis-sena 1998, meta hija marret Dubai…' Dikjarazzjoni li hija kontradetta mill-provi. L-Appellata kienet diġà taf lil Khaled Bitar meta siefret Dubai fl-1998……

……Omissis……

L-esponent isostni li tant kienet ir-relazzjoni li kellha l-appellatta ma' Khaled Bitar ir-raġuni għalfejn tkisser dan iż-żwieġ li Mary Bonello, omm l-appellata, xehdet 'lil dan l-Għarbi aħna kellimnieh biex kemm jista' jkun iżomm bogħod minnha'.

……Omissis……

L-esponent isostni li l-provi prodotti minnu jikkonsistu f'diversi ċirkostanzi li fil-fehma tiegħu huwa biżżejjed biex iwasslu għal konsumazzjoni ta' l-adulterju mill-appellata fiż-żmien meta din kienet għadha tgħix taħt l-istess saqaf ma' l-esponent, fosthom:……

……Omissis……

Abbandun.

Aggravju ieħor hu li l-esponent isostni li l-appellata hija ħatja ta' abbandun mingħajr ġustifikazzjoni. Fil-fehma tiegħu l-provi juru bl-iktar mod ċar kif hi għażlet li titlaq mid-dar sabiex tkun tista' tkompli r-relazzjoni tagħha ma' Khaled Bitar mingħajr ebda tfixkil u ndħil ta' ħadd. Mill-provi rajna kif dan l-abbandun ilu sa minn Settembru 1997, jiġifieri iktar mis-sentejn li tistipula l-Liġi.

Inġurja gravi.

Illi bla preġudizzju għal dak premess f'każ biss li din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni ta' l-esponent li l-appellata kkommettiet adulterjuri fiż-żmien li kienet għadha tgħix fid-dar matrimonjali, mill-provi rriżulta li kien hemm ħbiberija bejnha u Khaled Bitar……

……..Omissis……

Komunjoni ta' l-Akkwisti u assi parafernali.

a) L-Ewwel Qorti ma qisitx is-somma ta' Lm500 li l-esponent kellu qabel iż-żwieġ (ara fol.401) u li qatt ma ġiet kontradetta mill-parti l-oħra.

b) Il-Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni li l-esponent silef

found Khaled Bitar going out of the matrimonial home.

……..Omissis……

A fol. 28 of the judgement it is stated, ' this Court feels that although the plaintiff came to know a certain Khaled Al Bitar in the year 1998 when she went to Dubai…' A Declaration which is contradicted by the proof. The respondent already knew Khaled Bitar when she went abroad to Dubai in 1998

……..Omissis……

The applicant upholds that the relationship that the respondent had with Khaled Bitar was so much the reason why the marriage broke down that Mary Bonello, the mother of the respondent gave evidence 'that we spoke to this Arab so that as far as possible he stays away from her'.

……Omissis……

The applicant upholds that the proof produced by him, consists in various circumstances which in his opinion are enough to constitute adultery by the respondent, at the time when she was still living under the same roof of the applicant, amongst which

……..Omissis……

Abandonment.

Another grievance is that the applicant upholds that the respondent is guilty of abandonment without justification. In his opinion the proof clearly shows in the most eloquent manner how she chose to leave the house, so that she may continue her relationship with Khaled Bitar without any difficulty or interference by any body. From the proof it resulted that this abandonment was since September 1997, that is more than the two years stipulated by Law.

Grievous Insult.

That without prejudice to that premised in case that the Court does not agree with the submissions of the applicant, that the respondent committed adultery during the time that she was still living in the matrimonial home, from the proof it resulted that there existed friendship between her and Khaled Bitar……

…….. Omissis……

Community of Acquests and paraphernal property.

a) That the Court of First Instance did not calculate the sum of Lm500 which the applicant had before marriage ( see fol.401) and which was never contradicted by the other party.

b) The Court did not take into the consideration that the

is-somma ta' tlett elef u mitejn lira Maltija (Lm3,200) lil binhom biex dan xtara karozza. Il-Qorti ma qisitx dan is-self fil-kalkoli tagħha u qisitha bħala somma li ħa l-esponent meta l-appellata telqet mid-dar.

ċ) L-esponent jikkontendi wkoll li d-distribuzzjoni ta' l-assi formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti huwa ekwu u l-appellata ma kellhiex tiġi assenjata wkoll l-affarijiet indikati fl-inventarju li ppreparat u intestati taħt l-isem 'Sitting Room'.

Manteniment.

Fis-sentenza l-Qorti ddikjarat li l-appellata tilfet kull dritt ta' manteniment u applikat id-dekadenza……

……..Omissis……

Dar Matrimonjali

L-esponent isotni li l-Ewwel Qorti qatt ma kellha tordna l-bejgħ tad-dar matrimonjali bl-irkant. Il-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ hija ta' l-appellata. Il-fatt li t-tfal huma maġġorenni ma jfissirx b'daqshekk li d-dar għandha tinbiegħ……

……..Omissis……

Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja d-dritt li jressaq f'dan l-istadju dawk il-provi li huma permissibbli skond il-liġi, tvarja s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-30 ta' Jannar 2006 billi:

1) Tiddikjara l-firda personali bejn il-kontendenti minħabba raġunijiet imputabbli unikament lill-appellata, fosthom adulterju u għalhekk tiċħad l-ewwel talba ta' l-appellata u tilqa' l-ewwel talba rikonvenzjonali ta' l-esponent;

2) Tapplika s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 fil-konfront biss ta' l-appellata;

3)Fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti – tqis is-somma ta' tlett elef u mitejn lira Maltin (Lm3,200) li l-esponent silef lil binhom u li l-ewwel Qorti kkunsidrathom bħala flejjes li l-esponent żamm għalih, kif ukoll li l-esponent għandu jiġi assenjat is-somma ta' ħames mitt Lira Maltija (Lm500) proprjetà parafernali tiegħu u l-oġġetti li jissemmew f'lista Nru 2, ippreżentata mill-esponent u li l-appellata qatt ma kkontestat.

4) Fir-rigward tat-tieni talba taċ-ċitazzjoni ta' l-appellata tiddikjara li hija rrinunzjat għall-manteniment u għalhekk ma kienx hemm lok li tiddikjara li l-appellata ddekadiet mid-dritt

applicant lent a sum of three thousand two hundred Maltese Liri (Lm3,200) to their son in order that he buys a car. The Court did not consider this loan in its calculations and it considered as a sum that the applicant took when the respondent left home.

c) The applicant contends also that the distribution of the assets forming part of the community of acquests is not just and the respondent should not have been also assigned the objects indicated in the inventory that she prepared and written down under the heading SITTING ROOM.

Maintenance.

In the judgement the Court declared that the respondent lost every right of maintenance and applied forfeiture……

……..Omissis……

Matrimonial Home.

The applicant upholds that the Court of First Instance should have never order the sale of the matrimonial home by licitation. The guilt for the breaking down of the marriage is of the respondent. The fact that the children are of age does not mean that the house should be sold……

……..Omissis……

Thus the applicant prays with respect so that this Honourable Court saving the right to bring forward at this stage that proof that is permissible according to law, vary the judgement given by the Court of First Instance on the 30th January 2006 by;

1) Declaring personal separation between the parties due to reasons attributable solely to the respondent, amongst which adultery and rejected the first demand of the respondent and uphold the first demand brought forward in the counter-claim by the applicant;

2) To apply the sanctions contemplated in Article 48 only against the respondent;

3) As regards the liquidation of the community of acquests to consider the sum of three thousand and two hundred Maltese Liri (Lm3,200) which the applicant gave on loan to his son and the Court of First Instance considered them as monies which the applicant kept to himself, as well as the applicant is to be assigned the sum of five hundred Maltese Liri (LM500) his paraphernal property and the objects which are mentioned in list number 2 filed by the applicant and which the respondent never contested.

4) As regards the second demand of the writ of summons of the respondent declares that she renounced maintenance and thus there was no reason to declare that the respondent

li titlob il-ħlas ta' manteniment.

5) Takkorda lill-esponent il-jedd li jibqa' jabita fid-dar matrimonjali Mater Dei Triq il-Ħemel, is-Swieqi, a tenur ta' l-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16).

Bl-ispejjeż konta l-appellata.

Appellata: Bellair Flats, Flat 4, Triq Dawret in-Nawfraġju, ix-Xemxija.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli) illum 8 ta' Ġunju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

forfeited her right for the payment of maintenance.

5) Grant the applicant the right to continue to live in the matrimonial home Mater Dei, Ħemel Street, Swieqi, in terms of Article 55 of the Civil Code (Cap. 16).

With costs against the respondent.

Respondent: Bellair Flats, Flat 4, Dawret in-Nawfragju Street, Xemxija.

Registry of the Superior Courts ( Appeals) today 8th June 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

997

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fl-10 ta' Novembru 2005, minn Leonardo Galea u oħrajn Nru 775/2005, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur l-istess Leonardo Galea, ir-raġel tad-decujus u dan fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż; u favur Giuseppa Debono, Domenic Galea, Emanuel Galea, Nazzareno Galea, Francesco Galea, Nicolina Abdilla, Alfred-Mario Galea, Ċensu Galea u Joseph Galea, ilkoll ulied id-decujus u dan fi kwota ta' parti waħda minn għoxrin parti kull wieħed u waħda minnhom; u favur Diane u Jason aħwa Galea, ulied il-mejjet Carmelo (iben id-decujus), u dan fi kwota ta' parti waħda minn erbgħin parti (1/40) kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' Concetta Galea, mart l-istess Leonardo Galea, bint il-mejtin Vincenzo Debono u Nicolina née Borg, imwieled il-sMosta u kienet toqgħod l-Imġarr u mietet San Ġiljan fit-8 ta' April 2005, fl-età ta' 85 sena u kellu karta ta' l-identità Nru 157720(M) li mietet bla testament u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 9 ta' Ġunju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.i

It is hereby notified that by means of an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 10th November 2005, by Leonardo Galea and others number 775/2005, whereby they asked that it be declared open in favour of the same Leonardo Galea, the husband of the decujus and this in the quota of one-half (1/2) undivided share; and in favour of Giuseppa Debono, Domenic Galea, Emanuel Galea, Nazzareno Galea, Francesco Galea, Nicolina Abdilla, Alfred-Mario Galea, Ċensu Galea and Joseph Galea, all children of the decujus and this in the quota of one twentieth each in favour of each one of them, and in favour of Diane and Jason sister and brother Galea, children of the late Carmelo (son of the decujus) and this in the quota of one-fourtieth (1/40) in favour of each one of them the SUCCESSION of Concetta Galea, wife of the same Leonardo Galea, daughter of the late Vincenzo Debono and Nicolina née Borg, born in Mosta and who resided in Mġarr and died in Saint Julian's on the 8th April 2005, intestate, aged 85, and had identity card number 157720(M) and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 9th June 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

998

Ikun jaf kulħadd illi l-Bord li Jirregola l-Kera permezz ta' digriet mogħti fil-31 ta' Mejju 2006, fl-atti tar-Rikors 27/06 JC, Jit Trading Ltd kontra Carmela Farrugia, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fil-15 ta' Marzu 2006, fl-ismijiet JIT Trading Limited (C 20561) vs Carmela Farrugia (ID 485819M), ir-rikorrenti JIT Trading Limited, esponiet bir-rispett;

Illi hija proprejtarja tal-fond sebgħa u tletin (37) Sciortino Street, iż-Żejtun, mikri favur l-intimata versu l-kera ta' sebgħa u tletin liri Maltin (Lm37) fis-sena pagabbli fil-4 ta' Lulju kull sena bil-quddiem;

Illi l-intimata biddlet id-destinazzjoni tal-fond mikri lilha u mhijiex qed tagħmel użu mill-fond għall-iskop li għalih ġie mikri lilha u cioè għall-użu residenzjali billi abbandunat il-post in kwistjoni;

Għaldaqstant in vista tal-premess, is-soċjetà esponenti titlob bir-rispett illi dan il-Bord jogħġbu jawtorizzaha tirriprendi pussess tal-fond fuq imsemmi u jiffissa perjodu qasir u perentorju għal dan l-iskop.

Esponenti: 13, Our Lady of Angels Street, Żebbuġ, Malta.

Intimata: 37, Sciortino Street, Żejtun.

Ir-Rikors Numru 27/2006 JC, fl-ismijiet Jit Trading Limited vs Farrugia Carmela jinsab differit għan-notifika għas-26 ta' Ġunju 2006, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Bord tal-Kera) illum 9 ta' Ġunju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Rent Regulation Board by means of a decree given on the 31st May 2006, in the records of the Application 27/06 JC, Jit Trading Ltd against Carmela Farrugia, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Rent Regulation Board, on the 15th March 2006, in the names JIT Trading Limited (C 20561) vs Carmela Farrugia (ID 485819(M) the applicant JIT Trading Limited, pleaded with respect;

That they own the premises thirty seven (37) Sciortino Street, Żejtun, granted on lease to the respondent, towards the rent of thirty seven Maltese Liri (Lm37) per annum payable on the 4th July every year in advance;

That the respondent changed the destination of the premises leased to her and is not making use of the premises for the purpose it was leased to her and that is for residential purposes, as she abandoned the premises in question;

Thus in view of the premised, the applicant company prays with respect that it be authorized by this Board to take possession of the premises above mentioned and fix a short and peremptory period for this purpose.

Applicant: 13, Our Lady of Angels Street, Żebbuġ, Malta.

Respondent: 37, Sciortino Street, Żejtun.

The Application Number 27/2006 JC, in the names Jit Trading Limited vs Farrugia Carmela has been put off for service to the 26th June 2006, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts (Rent Regulation Board) today 9th June 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

999

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Ġunju 2006, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 1347/06, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs Kevin Grech ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 20 ta' April 2006

Lil Kevin Grech

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 2nd June 2006, in the records of the judicial letter number 1347/06, in the names Commissioner for Value Added Tax vs Kevin Grech ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Today 20th April 2006

To Kevin Grech

Permezz tal-preżenti, l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jinterpellak ai termini ta' l-Artikolu 59 ta' l-Att XXIII ta' l-1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, thallas l-ammont ta' tmienja u għoxrin elf, mija u tmienja u sebgħin Lira Maltin (Lm28,178) rappreżentanti ammont dovut minnek bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skond l-Att XXIII ta' l998 fuq imsemmi sad-data ta' l-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u partikolarment iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li għandu l-istess Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kontra tiegħek permezz ta' l-Avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jeżegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

Mittenti: Centre Point Building, Triq ta' Paris, Birkirkara.

Notifika: Intimat: 74, Triq Pawlu Magri, Ħal Luqa.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 9 ta' Ġunju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By the present, the Commissioner for Value Added Tax, calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998, so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of twenty eight thousand one hundred and seventy eight Maltese Liri (Lm28,178) representing amount due by you as Value Added Tax.

With costs and interest according to Act XXIII of 1998 above mentioned till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law and particularly but not exclusively in order to render executive title which the same Commissioner for Value Added Tax has against by means of the notice sent to you.

Failing which, the interpellant warns you that he shall pass to execute the executive title he has against you by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed.

Interpellant: Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara.

Notify: Respondent: 74, Pawlu Magri Street, Luqa.

Registry of the Superior Courts, today 9th June 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1000

Ikun jaf kulhadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Mejju 2006, fl-atti tat-Talba Numru 154/05 fl-ismijiet Hurria Adly vs Nazieh Khatatbeth ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-18 ta' Awissu 2005, fl-ismijiet Hurria Adly vs Nazieh Khatatbeh, ir-rikorrenti Hurria Adly talbet li tkun ammessa għal benefiċċju gratuitu ħalli tkun tista' tipproċedi kontra l-intimat għal dikjarazzjoni illi ż-żwieġ tagħha mal-intimat li ġie ċċelebrat fir-Reġistru Pubbliku fis-26 ta' Diċembru 2002 (Dok. A) hu wieħed null u bla effett għal kull fini u effett tal-liġi u dan peress illi l-intimat iżżewweġ lill-esponenti sempliċiment biex ikollu dritt li joqgħod Malta u biex sussegwentement ikun jista' jieħu ċ-ċittadinanza Maltija.

Rikorrenti: 54, Triq l-Bjar, Valletta.

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 5th May 2006, in the records of the Application Number 154/05, in the names Hurria Adly vs Nazieh Khatatbeth ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application filed in the First Hall Civil Court , on the 18th August 2005, in the names Hurria Adly vs Nazieh Khatatbeh, the applicant Hurria Adly prayed that she be admitted to the benefit of legal aid so that she may proceed against the respondent for a declaration that her marriage with the respondent which was celebrated on the 26th December 2002 (Doc. A) is null and without effect for all intents and purposes of law and this because the respondent married the applicant simply to have a right to stay in Malta and so that he can subsequently obtain Maltese citizenship.

Applicant: 64, Wells Street, Valletta.

Intimat: 39, Flat 9, Triq Antonio Bosio, Msida.

Lill Marixxall tal-Qrati.

Għarraf lil Nazieh Khatatbeh illi Hurria Adly ippreżentat rikors fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex tiġi mogħtija li tmexxi bil-benefiċċju ta' l-Għajnuna Legali u avżah biex fi żmien erbat ijiem minn mindu jirċievi dan l-att javża lil dan ta' hawn taħt iffirmat għaliex il-pretensjoni miġjuba fir-rikors ma għandhiex tiġi milqugħa kif jingħad fl-Artikolu 911 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Uffiċċju ta' l-Avukat ta' l-Għajnuna Legali,
Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.

Illum 16 ta' Awissu 2005.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Ġunju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Respondent: 39, Flat 9, Antonio Bosio Street, Msida.

To the Marshall of the Courts.

You are to inform Nazieh Khatatbeh that Hurria Adly filed an application in the First Hall Civil Court in order to be allowed to proceed for the benefit of Legal Aid and inform him so that within four days from when he receives this deed to inform the undersigned why the demand contained in the application should not be acceded to as provided in Article 911 of the Code of Organisation and Civil Procedure.

Office of the Advocate for Legal Aid,
Courts of Justice, Valletta.

Today 16th August 2005.

Registry of the Superior Courts, today 9th June 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1001

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-5 ta' Ġunju, 2006 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-publikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazjoni Ċivili (Kap. 12)

B'digriet mogħti mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-24 ta' Marzu, 2006 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c. ġie ffissat il-jum ta' l-Erbgħa, il-21 ta' Ġunju, 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-25 ta' Ottubru, 2005 li għandu jsir f'173, Triq San Kristofru, Valletta tal-polza ta' assigurazzjoni hawn taħt deskritta maqbuda mingħand Gauci Anthony.

Polza ta' assikurazzjoni fuq il-ħajja bin-numru 8205710B tas-Sun Life Assurance Company of Canada.

Reġistru tal-Qrati Superjuri illum, it-8 ta' Ġunju, 2006.

VINCENT ATTARD
Deputat Reġistratur

It is hereby notified that by a decree of the 5th June, 2006 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

By decree given by the Civil Court First Hall on the 24th March, 2006 on the application of HSBC Bank Malta p.l.c. Wednesday, 21st June, 2006 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 25th October, 2005 to be held at 173, Triq San Kristofru, Valletta of the following life policy seized from the property of Gauci Anthony.

Life assurance number 8205710B of Sun Life Assurance Company of Canada.

Registry of the Superior Courts, this 8th day of June, 2006.

VINCENT ATTARD
Deputy Registrar

1002

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-5 ta' Ġunju, 2006 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12)

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fl-24 ta' Marzu, 2006 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c. ġie ffissat il-jum ta' l-Erbgħa, il-21 ta' Ġunju, 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-25 ta' Ottubru, 2005 li għandu jsir fl-MCP Car Park, Ground Floor, Triq Sarria, Floriana tal-vettura hawn taħt deskritta maqbuda minghand Cole Kenneth.

1. Vettura 'Volvo 940' Reġ Nru.: KJC-111.

Reġistru tal-Qrati Superjuri illum, is-6 ta' Ġunju, 2006.

VINCENT ATTARD
Deputat Reġistratur

It is hereby notified that by a decree of the 5th June, 2006 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

By decree given by the Civil Court First Hall on 24th March, 2006 on the application of HSBC Bank Malta p.l.c., Wednesday, 21st June, 2006 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 25th Ocober, 2005 to be held at MCP Car Park, Ground Floor, Triq Sarria, Floriana of the following vehicle seized from the property of Cole Kenneth.

1. Vehicle 'Volvo 940' Reg No.: KJC-111.

Registry of the Superior Courts, this 6th day of June, 2006.

VINCENT ATTARD
Deputy Registrar

1003

IKUN jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja fis-16 ta' Mejju 2006 (Rikors numru 42/2006) minn Vincenza Mercieca, intalbet l-apertura tas-SUĊĊESSJONI ta' George Mercieca, ġuvni, bin il-mejjet Joseph Mercieca u Vincenza née Grech, imwieled ir-Rabat, Għawdex fejn kien residenti u fejn miet fit-8 ta' Ottubru 2005, intestat, liema apertura għandha ssir a favur l-esponenti u cioè a favur ta' ommu Vincenza armla ta' Joseph Mercieca u a favur ta' ħutu Michael Angelo, Maria Cherubina xebba Mercieca u Frances mart Paul Micallef, ilkoll aħwa Mercieca, fi kwota ta' nofs (1/2) għal ommu Vincenza Mercieca u fi kwota ta' parti waħda minn sitta (1/6) kull wieħed u waħda għal Michael Angelo, Maria Cherubina u Frances Micallef, ilkoll aħwa Mercieca.

Għaldaqstant kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'din imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum 1 ta' Ġunju 2006

MARY JANE ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

IT IS hereby notified that by an application filed in the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction on the 16th May 2006 (Application number 42/2006) Vincenza Mercieca requested the opening of the SUCCESSION of George Mercieca, a bachelor, son of the late Joseph Mercieca and of Vincenza née Grech, born in Victoria, Gozo where he used to reside, and where he died on the 8th October 2005, intestate, and which opening of succession is to be made in favour of applicants, and namely in favour of his mother Vincenza Mercieca and in favour of his brother and sisters Michael Angelo, Maria Cherubina Mercieca, spinster, and Frances wife of Paul Micallef, brother and sisters Mercieca, as to one half (1/2) part in favour of his mother Vincenza Mercieca and as to one sixth (1/6) part each in favour of Michael Angelo, Maria Cherubina and Frances Micallef, brother and sisters Mercieca.

Wherefore any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Voluntary Jurisdiction

This 1st June 2006

MARY JANE ATTARD
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1004

Ikun jaf kulhadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja)in segwitu għar-rikors ta' Rita Attard, numru 804/2005, Gaetano Attard, ġuvni, iben Joseph Attard u l-mejta Carmela née Mangion, imwieled Ħamrun u joqgħod Santa Venera, bil-karta ta' l-identità numru 342754(M) ġie interdett mill-atti kollha tal-ħajja ċivili.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 12 ta' Ġunju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) following an application of Rita Attard, number 804/2005, Gaetano Attard, bachelor, son of Joseph Attard and the deceased Carmela née Mangion, born in Ħamrun and residing in Santa Venera, having identity card number 342754(M) was interdicted from all acts of civil life.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 12th June 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunal

1005

Ikun jaf kulhadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Novembru 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Nru 311/05 JA, fl-ismijiet Attard Ruby vs Al Eed Tamer, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12

Ruby Attard (452485M), ippreżentat Ċitazzjoni fit-23 ta' Settembru 2005, fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) kontra Tamer Al Eed (0029128A) fejn talbet il-konvenut għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara ż-żwieġ iċċelebrat bejn il-kontendenti nhar l-10 ta' Novembru 2003, null għall-fini u effetti kollha tal-liġi a tenur ta' l-Artikolu 19(1) (b) (f) u (h) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenut mil-lum inġunt għas-subizzjoni.

Konvenut: 32, Flat 2, Triq San Enriku, Tas-Sliema.

Il-kawża Ċitazzjoni Nru 311/2005 JA, fl-ismijiet Attard Ruby vs Al Eed Tamer, tinsab differita għas-16 ta' Ġunju 2006, fl-9.45 a.m.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 12 ta' Ġunju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 11th November 2005, in the records of the Writ of Summons No. 311/05 JA, in the names Attard Ruby vs Al Eed Tamer, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Ruby Attard (452485M), filed a Writ of Summons on the 23rd September 2005, the Civil Court (Family Section) against Tamer Al Eed (0029128A) whereby she asked the defendant why this Court should not:

1. Declare that the marriage celebrated between the parties on the 10th November 2003, null for all intents and purposes of law in terms of Article 19 (1) (b) (f) and (h) of Cap. 255 of the Laws of Malta.

With costs, against the defendant from today summoned so that a reference to his evidence be made.

Defendant: 32, Flat 2, St. Henry Street, Sliema.

The case Writ of Summons No. 311/2005 JA, in the names Attard Ruby vs Al Eed Tamer, has been put off to the 16th June 2006, at 9.45 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 12th June 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*